IL-MALTI
QARI LI TOHROG IL-GHAQDA
TAL-KITTIEBA TAL-MALTI
SETTEMBRU
1961

# *Is-Sengħa tal-Kitba fl-Istorja tal-Letteratura Maltija*

*FUQ is-sengħa tal-kitba bil-Malti wieħed ma jistax jitkellem bla ma jqis qabel xejn l-istorja ta' l-istess kitba Maltija u jifli dawk id-dokumenti li nsibu 'l hawn 'l hinn f'xi manuskritti ta' xi tliet mitt sena ilu, kif ukoll f'xi kotba ta' l-ewwel żmenijiet tas-seklu dsatax u l-bidu tal-għoxrin.*

*Ma kienx ħlief fi żmien l-aħħar snin ta' Vassalli meta ftit ftit bdew jidhru xi kotba bil-Malti mill-pinna ta' Francis Vella u sieħbu G.M. Pulis: l-ewwel kotba bil-Malti għat-tfal ta' l-iskola (1824-26). Jidher, madankollu, illi qabel kien hemm min ħaseb biex igħallem it-tfal il-qari u kitba bil-Malti, u dan kien ċertu Dun Luigi Camilleri miż-Żejtun, imsemmi u mfaħħar minn Vella u Pulis fid-daħla ta' l-ewwel Ktieb il-Qari, iżda ebda ktieb stampat ma ġie f'idejna dwar it-tagħlim bil-Malti ta' dan il-Qassis. Fl-istess żmien insibu wkoll li Vassalli kien maħtur biex jagħti xi lezzjonijiet fl-Università fuq il-grammatika Maltija, li wara dehret stampata bit-Taljan fl-1827.*

*Dokumenti ta' l-ewwel proża Maltija stampata kienu t-"Tagħlim Nisrani" (1768) maqlub bil-Malti mid-Dottrina Cristiana minn Dun Franġisk Wzzino b'ordni tal-Isqof Fr. P. Alpheran, u t-traduzzjoni tal-Vanġelu ta' San Ġwann (1822) minn Giuseppe Maria Canolo. Dokumenti oħra bikrija ta' proża Maltija nsibuhom ukoll fit-traduzzjoni tal-"Erba' Vanġeli u tal-Atti tal-Appostli" (1829), u t-traduzzjoni ta' l-"Istorja tas-Sultan Ċiru" (1831) ta' M. A. Vassalli, stampati wara mewtu.*

*Dawn kienu, tista' tgħid, l-ewwel frott ta' siġra mill-ġnien tal-kitba Maltija, ta' siġra li maż-żmien tat l-isbaħ għelejjel, għalkemm bi tqanżiħ u bi tfixkil, bis-saħħa tal-ħidma ta' dawk li għarfu jikkoltivawha f'din l-aħħar epoka ta' moviment għad-drittijiet u koltivazzjoni tal-Lsien Malti. Dawn kienu l-ewwel tifki-*

*riet ta' proża Maltija li fihom naraw it-twelid tal-letteratura Maltija tal-lum, li maż-żmien kibret u żżejnet b'dak l-ilbies sabiħ u mżewwaq li nisġulha kittieba xjuħ u żgħażagħ minn żmien għal ieħor ma' tul dawn l-aħħar mija u erbgħin sena ta' ħajja.*

*Miż-żmien li għadda ta' kitba Maltija ta' għeluq is-seklu dsatax sal-epoka tal-lum, li nistgħu ngħidulha l-epoka l-aktar storika tal-letteratura Maltija li xogħolha fl-aħħar erbgħin sena sewa daqs il-mitt sena ta' qabel, aħna ma nistgħux ngħidu u niftaħru li fil-kitba tagħna kellna l-istess svilupp letterarju bħalma kellhom nazzjonijiet oħra .*

*Fejn nazzjonijiet oħra fetħu triqthom bil-kitba ta' lsienhom u bnew letteratura qabel fasslu r-reguli grammatikali u ġabru d-damma ta' kliem ilsienhom, aħna bil-maqlub, bil-ħidma ta' l-ewwel studjużi tal-lsien Malti, fosthom De Soldanis u Vassalli u xi oħrajn li ħallew xogħolhom f'manuskritti, l-ewwel ma ħloqna grammatiki u vokabularji, li kienu l-ewwel sisien li fuqhom imbagħad twaqqaf il-bini letterarju kollu tal-lum u ta' għada. Ma' dawn ma nsibux qalb il-karti tal-arkivju tal-Bibljoteka tagħna ħlief xi kitba ta' prietki, il-biċċa l-kbira minn Ignazio Saverio Mifsud ta' dwar l-1740, li fihom il-Malti hu mħallat b'ħafna italjaniżmi, u xi versi fil-manuskritti ta' Agius De Soldanis, fosthom versi tat-Tabib Ġan-Franġisk Bonamico (1663-80) għall-Festa tal-Arblu ta' Mejju, b'tifħir lil Gran Mastru N. Cottoner, u xi versi oħra li nsibu fl-"Istromati" ta' Ignazio Saverio Mifsud.*

*L-ewwel studjużi tal-Malti, iktarx barranin, kienu jaraw fil-Lsien Malti l-fdal tal-lsien Puniku, u fin-nuqqas ta' kitba Maltija, bnew l-istudju tagħhom ta' nisel il-Malti fuq il-kliem tal-"Pater Noster" bil-Malti (traduzzjoni ta' Wilkins) u fuq xi kliem mogħtijin mill-Ġeżwita Malti De Gattis, minn kliem ta' postijiet f'Malta fid-"Desrittione di Malta" (1647) ta' Abela, u mill-Grammatika "Della Lingua Punica", ta' De Soldanis (1750). Naraw għalhekk illi l-ewwel studju tal-Malti kien aktarx filoloġiku milli letterarju, u li sa mitt sena ilu, skond l-ewwel xogħlijiet ta' kittieba Maltin, il-letteratura Maltija kienet għadha fil-fisqija.*

*Meta wieħed jiġi biex jifli u jqabbel il-proża ta' l-ewwel kittieba Maltin jara li bejn il-kitba ta' dawn u ta' dawk ta' bejn*

*għeluq is-seklu dsatax u s-seklu għoxrin hemm x'jaqsam baħar, sewwa fil-għażla tal-kliem kemm fl-istil, kemm ukoll fil-kostruzzjoni sintattika u frażjoloġija. L-aħjar eżempji ta' kitba bikrija nsibuhom fil-proża biblika u narrativa bħal fl-"Istorja tas-Sultan Ċiru" u fl-"Istedina għal Tagħlim il-Malti" ta' Vassalli fejn, għalkemm l-istil huwa iebes u aħrax u mhux mexxej biżżejjed, il-kostruzzjoni, l-għażla ta' kliem safi u frażijiet idjomatċi juru sengħa ta' kitba li għaż-żmien bikri ta' proża Maltija tista' toqgħod ma' dik li nsibu fil-kitba Taljana tas-Seklu Erbatax. Hekk ukoll nistgħu ngħidu li hija l-kitba ta' Canolo fit-traduzzjoni tiegħu tal-"Vanġelu ta' San Ġwann" fejn naraw illi l-Malti huwa ftit iżjed ċar, jimxi b'reqqa mat-test, mingħajr tiżjin fl-istil, u għalhekk, xi espressjonijiet huma aħjar minn ta' Vassalli. Iżda l-proża ta' oħrajn ta' żmien Vassalli stess, insibuha nieqsa mis-sengħa fil-kostruzzjoni ta' kliem, kultant miżgħuda bi kliem Taljan bla bżonn, iebsa f'xi espressjonijiet, u 'l hawn u 'l hinn b'xi kliem safi barra minn loku, kif jidher fi "Ktieb il-Qari" u fit-"Trattat fuq l-Obbligi tal-Bniedem" ta' F. Vella u Pulis. F'dawn il-kotba l-ortografija mhi xejn grammatikali u xi ħsejjes gutturali tal-alfabet imfissrin b'ittri Għarbin. Wisq aħjar huwa l-Malti li naqraw f'xi kotba li dehru fl-1831-1832 taħt l-isem ta' "Ktieb il-Qari" għat-Tfal il-wieħed u "Ktieb il-Qari fuq Bosta Ħwejjeġ", l-ieħor, biż-żewġ testi: Malti u Ingliż. Barra l-ortografija, li f'dawn il-kotba timxi fuq dik tal-grammatika ta' Vassalli (It-tieni edizjoni tal-1827), bħalma hi dik fl-"Istorja tas-Sultan Ċiru, jidher li l-Malti huwa miktub b'ċerta sengħa fl-istil u reqqa fil-għażla ta' kliem — b'espressjonijiet mexxejja, għalkemm mgħobbijin 'l hawn u 'l hinn b'xi kelma antikwata.*

*Għall-ħabta ta' nofs is-seklu dsatax, il-Kan. Dun Fortunato Panzavecchia u Gio Antonio Vassallo kienu reġgħu fetħu t-triq għall-kotba ta' qari Malti għall-Iskejjel tal-Gvern, bi stil mexxej u ħafif, l-ewwel wieħed kien awtur ta' grammatika tal-Malti bit-Taljan (1845); il-"Ħajja ta' Ġesù Kristu" (1874) fil-qosor, kif ukoll "Storja Qasira ta' Malta" bit-Taljan u bil-Malti, u xi djalogi fuq l-Iskrittura Mqaddsa, u l-ieħor, barra xi versi liriċi bil-Malti, kiteb ukoll bil-Malti l-"Ħajja ta' San Pawl" (1858) "Storja ta' Malta" għall-poplu (1862) u "Ġesù Kristu fid-Dinja (1862).*

*Wara kollox ma nistgħux ngħidu illi sal-bidu tas-seklu dsatax il-kitba Maltija ta' proża narrativa, dissertatorja jew*

*storika kienet laħqet fil-qofol l-isvilupp letterarju tal-ilsna barranin, fosthom dik tat-Taljan li dik il-ħabta kienet għadha l-lingwa tal-kultura f'Malta.*

*Kien biss f'nofs is-seklu dsatax meta l-proża Maltija narrativa ħadet xejra romantika u klassika fl-istil f'xi tnejn jew tlieta mill-aħjar kittieba, fosthom A. E. Caruana u Ġużè Muscat Azzopardi li xegħlu t-torċa tal-moviment letterarju Malti. Patri Manwel Magri kien ukoll wieħed minn ta' l-ewwel li fetaħ it-triq għall-kitba ta' stejjer u leġġendi tal-Floklore Malti. Oħrajn imxew warajhom, iżda l-proża ta' xi wħud kienet wisq nieqsa fl-istil u fl-għażla tal-kliem. Ta' min isemmi fost l-aħjar kittieba, ma' dawk li semmejna f'għeluq is-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin, lil Annibale Preca, Fonzu Marija Galea u Pawlu Bellanti, u f'xi rakkonti u ħrejjef, Dun Xand Cortis, u Dun Mabbli Sisner, li fil-kitba tagħhom tiltaqa' ma' bċejjeċ li huma ġawhar ta' proża Maltija idjomatika, ħafifa u mexxejja. Wara dawn jimru b'pass iktarx imkarkar fil-proża narrativa tagħhom lil Dun Ġużepp Farrugia, lil Dun Alwiġ Vella, fir-rakkonti b'fond ta' ġrajjiet storiċi Għawdxin, Wistin Levanzin u Ninu Muscat Fenech, bħala traduttur ta' rumanzi. Iżjed mirqum iżda fit-traduzzjoni ta' għamla narrativa nsibu li hu l-awtur veteran tal-"Muftieħ tal-Kitba Maltija" Ġanni Vassallo. Kien ikun wieħed mill-aħjar kittieba fil-proża Maltija idjomatika Napuljun Tagliaferro li f'xi bċejjeċ ta' kitba sew teknika, kemm narrativa wera l-iktar sengħa fina u mexxejja. Achille Ferris, fil-kotba skolastiċi, reliġjużi u storiċi, ħallielna wkoll eżempji sbieħ ta' proża ħafifa u mexxejja.*

*Inqiegħdu għalih, għal dak li hu stil idjomatiku mill-aħjar, lil Temi Zammit, wieħed mill-kittieba mejtin tal-aħħar li fil-kitba tiegħu novelliera ħallielna bċejjeċ ta' proża Maltija li huma ġawhar fil-letteratura Maltija tal-lum.*

*Jekk niġu għall-kitba ta' proża Maltija tal-lum, nistgħu ngħidu biss, li fiha naraw svilupp kbir fix-xeħta romantika u realistika tagħha, li f'xi kotba tagħżilha minn dik tal-klassiċiżmu qadim, iżda nieqsa mbagħad mill-karatteristiċi tal-idjomi Maltin, li jagħżlu l-proża tagħna mix-xeħta ta' proża konvenzjonali tal-letteratura kosmopolita ta' nazzjonijiet oħra.*

*Fejn il-poeżija lirika Maltija, il-proża Maltija ma nistgħux ngħidu li laħqet il-grad li sal-lum messha laħqet, l-iktar fil-*

*pinna taż-żgħażagħ ta' kultura baxxa. Għax wara kollox, biex tikteb proża Maltija tajba, skond ma titlob is-sengħa, mhux billi tkun taf l-ortografiaj u l-vokabularju Malti, bla kriterju fil-għażla tal-kliem u taħriġ fil-bini tiegħu, imma wkoll il-kittieb jeħtieġlu jkun imżejjen b'mentalità mħarrġa fil-qari ta' kotba li minnhom il-moħħ jista' jislet idejiet fl-isvilupp tan-nisġa narrativa, kif ukoll l-istil xieraq għas-suġġett li fuqu jikteb.*

*Is-sengħa tal-kitba m'għandhiex dawk ir-reguli u assjomi matematiċi li bihom tista' tħoll il-problemi ta' kitba tajba bil-Malti. Barra mill-vokabularju, barra mir-reqqa fl-ortografija tidħol dik l-esperjenza tal-ħajja psikoloġika; taħriġ ta' kostruzzjoni sintattika Maltija u idjomatika. Illi toħloq forom ġodda ta' kliem kontra r-reguli morfoloġiċi u l-użu, u ddeffes kliem safi li ma joqgħodx kontra x-xeħta tal-frażi Maltija, bħal ma dlonk naraw fil-kitba narrativa ta' xi kittieba żgħażagħ, ma tkunx qed turi xi sengħa speċjali fil-pinna tiegħek, imma difetti—difetti li flok ma jorqmu u jżejnu l-istil, igħarrqu l-ħajja tal-kitba Maltija.*